MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru. 579/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Coronato Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Coronato Portelli, bin Anthony u Nazzarena neé Portelli, imwieled fis-7 ta’ Novembru 1961 u residenti fil-fond Dar ix-Xtilpa, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 57061(G) li gie

Akkuzat talli nhar l-1 ta’ Awissu 2008 ghal habta ta’ 01:30hrs fi Triq Sant Antnin Ghajnsielem Ghawdex :

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBA 824 tal-ghamla Toyota Hilux b’manjiera traskurata u perikoluza
2. saq l-istess vettura minghajr dawl jew fuq quddiem u/jew wara jew bid-dawl mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku
3. waqt li kien isuq l-istess vettura qasam il-linji bojod kontinwi
4. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqaas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma’ vettura CBD 735 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-detriment ta’ Roderick Apap
5. talli b’kagun ta’ din il-kolluzzjoni, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, nvolontarjament ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Roderick Apap u dan kif iccertifika Dr. J. Galea mill-Isptar Generali t’Ghawdex
6. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura fit-triq jew post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb
7. u aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b’diversi imputazzjonijiet relatati mas-sewqan tieghu dakinhar tal-1 ta’ Awissu 2008 fejn huwa kien involut f’incident ta’ traffiku ma’ certu Roderick Apap, li spicca sofra wkoll feriti ta’ natura hafifa.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imsemmi Roderick Apap ma giex imressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri. Ta' min jinnota li minn riferta ezebita mill-Prosekuzzjoni, Roderick Apap siefer b'mod permanenti lejn il-Kanada.

Illi a rigward id-dinamika ta' kif sehh l-incident, il-Qorti ghandha **biss** quddiemha x-xhieda tal-imputat u kif ukoll ta' certu John Buttigieg. Dak li qalu l-ufficjali tal-Pulizija fl-affidavits taghhom, jew in kontro-ezami, qaluh a bazi ta' dak li rrizultalhom **wara** li huma accedew fuq il-post tal-incident **wara** li dan kien sehh.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi kif prodotti, filwaqt li ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'manjiera traskurata u perikoluza, ma jirrizultax lanqas li l-imputat kien qed isuq minghajr dawl jew bid-dawl mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku. Anqas ma jirrizulta li l-imputat kien qasam il-linji bojod kontinwi. Illi rrizulta li kien hemm kollizzjoni bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u dik misjuqa minn Roderick Apap, li kif diga nghad, ma xehedx f'dawn il-proceduri. Illi m'hemmx dubju li l-imputat kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Roderick Apap. Dan gie kkonfermat mic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Joseph Galea (Dok. « E ») li xehed ukoll f'dawn il-proceduri fejn ikklassifika l-fertiti fuq il-persuna ta' Roderick Apap bhala « griehi hfief ».

A rigward l-imputazzjoni li l-imputat kien qed isuq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, il-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni ma gietx pruvata. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet « **Il-Pulizija vs. Keith Aquilina** », deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2009, fejn il-Qorti qalet hekk :

"Ir-"reading" tar-*"road side test"* wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-

raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Jan Spiteri** deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizjoni ghal min m'huwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia".

Illi, a rigward il-kawza odjerna, filwaqt li ma giex ezebiet il-*print out* tar-rizultat li ghalih jaghmlu riferenza l-ufficjali tal-Pulizija fl-affidavit taghhom jew meta xehdu in kontro-ezami, wiehed ma jridx jinsa li meta mar biex isir it-tieni test tal-*breath alcohol* fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, il-magna kienet bil-hsara! Filwaqt li l-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri xehdu fuq dak li dehrilhom kien l-atteggjament tal-imputat rigward is-sitt (6) imputazzjoni, din l-imputazzjoni ma gietx pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

A rigward l-imputazzjoni tar-recidiva, cioé imputazzjoni numru sebgha (7), filwaqt li gie kkwotat Artikolu 289 tal-Kapitolu 9, li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, jirrizulta li l-imputat huwa recidivi taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 pero ma jirrizultax li huwa recidivi taht Artikolu 50 tal-Kapitolu imsemmi. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet « **Il-Pulizija vs. Richard Edwards et** », deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2010.

Fil-kawza odjerna, il-Prosekuzzjoni ipproduciet sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2007, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, li kienet kkundannat lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-perjodu tas-sospensjoni kellu jibda jiddekorri mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, cioé mit-13 ta' Ottubru 2006. Issa gialadarba, l-imputat, fil-kawza

odjerna qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li allegatament sehhew nhar l-1 ta' Awissu 2008, allura meta sehhew ir-reati addebitati lill-imputat fil-kawza odjerna, huwa kien ghadu ma "skontax" dik is-sentenza ghax il-perijodu operattiv kien ghadu ma skorriex. Fil-fatt l-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

"Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta' l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat l-iehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet ta' l-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura."

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3) u mis-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 49, 215, 226(1)(c), 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet (pero li huwa recidiv biss *ai termini* tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tikkundannah ghal ammenda komplessiva ta' hamsin Euro (€ 50.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------